MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Numru 5759/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**v.**

**Andrea Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija decizjoni dwar rikors maghmul mill-Avukat Generali fis-16 ta’ Ottubru 2007 a tenur ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 575(4A) tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu l-istess Avukat Generali qed jitlob ir-revoka mhux tal-helsien mill-arrest ta’ l-intimat Zammit izda tad-digriet tal-Qorti Inferjuri li permezz tieghu l-istess Zammit inghata permess biex ihalli x-xtut ta’ Malta biex imur jistad fuq bastiment tas-sajd. It-talba, ghalhekk, in effetti hi ghal varjazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-*bail*.

**2.** Fit-23 ta' Dicembru 2005 l-intimat Zammit tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b'assocjazzjoni ghall-fini ta' traffikar ta' droga, traffikar fir-raza tal-*cannabis* u pussess tar-raza tal-*cannabis* taht cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Huwa gie akkuzat ukoll b'numru ta' akkuzi minuri konnessi ma' pussess u traffikar illecitu ta' ghasafar. Fis-6 ta' Frar 2006 huwa nghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti Istruttorja taht diversi kundizzjonijiet, fosthom depozitu ta' Lm15,000 u garanzija personali ta' Lm10,000. Il-kundizzjoni originali li huwa ma johrogx mir-residenza tieghu nbidlet bid-digriet tal-Qorti Istruttorja tal-14 ta' Frar 2007 li permezz tieghu huwa seta' jkun barra mir-residenza tieghu kuljum bejn l-ghaxra ta' filghodu u s-sitta ta' filghaxija.

**3.** Issa, bid-digriet tat-12 ta' Ottubru 2007 – li minnu qed jilmenta l-Avukat Generali – l-intimat Zammit inghata permess johrog ghas-sajd fuq bastiment ta' terzi li, kif fisser l-Ispettur Dennis Theuma fid-deposizzjoni moghtija minnu fl-udjenza tal-lum, huwa bastiment kbir bizzejjed mhux biss biex johrog barra mill-ibhra territorjali ta' Malta izda wkoll li jasal sal-kosta ta' pajjizi vicini. F'dan id-digriet il-Qorti Istruttorja imponiet erba' kundizzjonijiet – (1) li l-vapur li Zammit isalpa fuqu f'ebda hin ma johrog mill-ibhra territorjali ta' Malta, (2) li jinforma lil tat-Turretta u lill-Ufficjal Prosekutur b'kull harga li hu jkun ser jaghmel u jinfurmahom b'kull hin ta' din il-harga fis-sens ta' dhul u hrug eventwali, (3) li f'kaz li huwa jaghmel aktar minn tlett sieghat fuq il-bahar huwa ghandu jzomm kuntatt mat-Turretta billi jaghti l-*"locations"* tieghu u cioe` l-*"markings"* kull nofs siegha wara dan il-hin ta' tlett sieghat; u (4) li jiddepozita fir-registru tal-Qorti s-somma ta' hamest elef lira.

L-Avukat Generali jikkontendi li bil-fatt li l-intimat Zammit qed jigi moghti permess johrog jistad, ankorke` limitatament fl-ibhra territorjali ta' Malta, hemm riskju reali li dana jahrab, u dan minkejja l-kundizzjonijiet imposti mill-istess Qorti Inferjuri. L-intimat, min-naha tieghu, jikkontendi li ma hemm ebda riskju kif qed jimmagina l-Avukat Generali, u li fi kwalunkwe kaz skond il-

gurisprudenza ta’ din il-Qorti – ara d-digriet tat-18 ta’ Frar 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Bugeja et** – din il-Qorti m’ghandhiex tbiddel l-ahhar sett ta’ kundizzjonijiet semplicement ghax ma tkunx taqbel maghhom.

Din il-Qorti, ezaminati l-atti limitatament ghall-finijiet tat-talba odjerna ta’ l-Avukat Generali, hi tal-fehma li l-ewwel Qorti, meta emanat id-digriet tat-12 ta’ Ottubru 2007, ezercitat id-diskrezzjoni taghha b’mod manifestament zbaljat. Wahda mill-kundizzjonijiet li solitament jigu imposti meta jinghata l-helsien mill-arrest hija dik li l-persuna in kwistjoni proprju ma tirkeb ebda dghajsa, lanca jew mezz iehor ta’ trasport bil-bahar, u dan ghax hu evidenti li fis-sitwazzjoni taghna f’Malta mezz ta’ trasport bil-bahar huwa l-aktar mezz facli biex dak li jkun jitlaq mill-gurisdizzjoni ta’ dawn il-qrati, bil-problemi kollha li tali tluq igib mieghu. Jidher, in fatti, li anke l-ewwel Qorti kienet konxja mill-perikolu tal-harba u ppruvat targina dan il-perikolu bil-kundizzjonijiet aktar ‘l fuq imsemmija. Din il-Qorti, pero`, wara li semghet lill-Ispettur Theuma, tara li l-Avukat Generali ghandu ragun. Galadarba l-intimat, li hu sajjied, ikun fuq bastiment tas-sajd, minkejja l-kundizzjonijiet kollha elenkati mill-ewwel Qorti, tkun haga mill-aktar facli li huwa li huwa jaqsam il-linja ta’ demarkazzjoni u jkun ferm difficli, jekk mhux addirittura impossibbli, li jigi rintraccat fuq il-bahar u migjub lura mill-forzi ta’ l-ordni qabel ma l-bastiment jidhol f’ibhra territorjali ohra. Ghalhekk hemm lok li d-digriet tat-12 ta’ Ottubru 2007 jigi revokat.

Ghall-motivi premessi tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali u tirrevoka *in toto* id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat-12 ta’ Ottubru 2007 (fol. 349-350 ta’ l-attijiet ta’ l-istruttorja) b’mod li tqieghed lill-intimat Andrea Zammit fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma nghata l-imsemmi digriet. Notifika immedjata ta’ dan id-digriet lir-rikorrent Avukat Generali, lill-intimat Andrea Zammit u lill-Ispettur Dennis Theuma.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------